MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1445/2004

**Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta Antoine Auto Dealer**
**vs**
**Anthony Formosa**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fit-13 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ elf erbgha mija disgha u tletin lira Maltija (Lm1439.00) import ta’ tmintax il-kambjala dovuta u skaduti fuq il-vettura Ford Transit Van b’numru ta’ registrazzjoni BTA-681 b’l-imghaxx mid-data ta’ kull skadenza u b’l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 u minghajr pregudizzju li l-ammont pretiz mhux dovut. Il-

konvenut qal ukoll li ghandhom jigu esebieti l-kambjali originali.

Ra x-xhieda ta' Marjolina Schembri u Lucy Grech.

Ra d-dokumenti esebieti inkluz it-tmintax il-kambjala originali.

Ra n-nota ta' l-attur prezentata fid-9 ta' Mejju 2005 li permezz taghha rriduca t-talba ghas-somma ta' elf erbgha mija u erbgha liri Maltija u tmintax il-centezmu (Lm1404.18).

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2006 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 cioe l-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku, huma preskritti b'l-gheluq ta' hames snin.

Pero din hija kawza ghal hlas ta' ammonti dovuta fuq kambjali ghalhekk il-preskrizzjoni ghall-azzjoni kambjarja hija dik regolata ai termini tal-Kodici tal-Kummerc.

Huwa pacifiku li t-Tribunal ma jistax iqajjem preskrizzjoni hu u lanqas jista jikkunsidra preskrizzjoni hlief dak specifikament eccepita (Victor Muscat vs Edgar Tabone, Appell Civili 18.02.1963; Benny Camilleri vs Ian Schembri, Appell Inferjuri 16.12.2002).

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenut iffirma (flimkien ma Carmen Formosa li mhiex parti f'dawn il-proceduri) t-tmintax il-kambjala esebieti; kull wahda ghall-ammont ta' tmienja u sebghin lira Maltija u centezmu (Lm78.01). Jirrizulta wkoll

li kull wahda minn dawn il-kambjali skadiet u ghalhekk l-ammonti ndikati huma dovuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf erbgha mija u erbgha liri Maltija u tmintax il-centezmu (Lm1404.18) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------